MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 157/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Etienne Calleja)**

**Vs**

**Anne Montfort**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Mejju, 2003, ghall-habta tas-1.30 p.m. fi Vjal il-Labour, Naxxar, saqet vettura nru. AAI-815 :**
**1) b'manjiera traskurata;**
**2) perikoluza;**
**3) u aktar b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkagunat**

**offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Daniel Borg skond kif iccertifikat Dr. Mary Rose Cassar M.D. ta' St. Luke's Hospital.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Lulju, 2004, li biha ma sabitx lill-imputata hatja w illiberatha.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-23 ta' Lulju, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellata f'dawn l-akkuzi, u tinfliggi l-piena skond il-ligi, jew inkella, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-prodediment bis-smiegh tal-kawza u decizjoni.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fil-qosor fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti erronjament illiberat lill-appellata mill-akkuzi minhabba nuqqas ta' dehra tax-xhud tal-Prosekuzzjoni Daniel Borg , minkejja li giet esebita riferta pozittiva fil-konfront tieghu , mentri li kellu jsir kien li l-Qorti kellha tiddifferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhud li ma kienx deher skond il-ligi, okkorrendo anki billi tohrog mandat t' arrest jew ta' akkumpanjament kontra tieghu ghas-seduta li jmiss ;**

**Rat ir-risposta tal-appellata minnha prezentata fit-22 ta' Settembru, 2004 ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi kif jirrizulta mill-komparixxi (fol. 1) il-Prosekuzzjoni kellha tlitt xhieda biex issostni l-akkuzi kontra l-appellata w cioe' PS 201 Magri, Daniel Borg u Dr, Mary Rose Cassar. Daniel Borg kien gie debitatament notifikat biex jidher fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2004 (fol. 8) ,**

**Meta fis-7 ta' Lulju, 2004, skond il-verbal tal-prime note (a fol. 7) deheret l-imputata assistita minn Dr. Robert Abela, jidher li xehdet biss it-tabiba Dr. Mary Rose Cassar u la xehed is-Surgent li prezumibbilment investiga l-kaz u lanqas il-parti leza Daniel Borg . Hemm umbaghad verbalizzat is-segwenti: -**

***"L-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li m'ghandux aktar provi x' jipproduci"***
***"Id-difiza tiddikjara li m'ghandhiex provi x' tipproduci ;"***
***"Inghat sentenza;"***
***"Il-kawza giet deciza."***

**Fis-sentenza appellata umbaghad jinghid biss :-**

***"Semghet ix-xhieda prodotta;***
***Stante li mhix pruvata ma ssibhiex hatja u tilliberaha."***

**Illi minn dan jidher car li l-Qorti lliberat minghajr ma semghet zewg xhieda tal-Prosekuzzjoni li kienu gew indikati fil-komparixxi , kif fuq intqal.**

**Illi din il-Qorti kellha okkazzjoni li tghaddi in rassenja il-gurisprudenza rilevanti ghall-dan it-tip t'incident fis-sentenza taghha "**Il-Pulizija vs. Clive Debono**" [14.9.2004] fejn saret ukoll riferenza ghas-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta: "**Il-Pulizija vs. Mario Saliba **[15.10.1982];; "**Il-Pulizija vs. Mario Magri" **[28.5.1993]; "**Il-Pulizija vs. Francis Callus**" [30.9.1993];** "Il-Pulizija vs. Anthony Zarb" **[22.10.1993]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et**." [3.12.1993] u** "l-Pulizija vs. Francis Borg." **[10.12.1993].**

Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri”** [5.1.1996], li, ladarba ix-xhud ikun debitament notifikat u **sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih**, *(emfasi ta’ din il-Qorti)* il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu , imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz  il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441 (4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap.9, . (App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**” [25.7.1994] u ohrajn ).

**Hu minnu wkoll li, kif  issottomettiet il-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell , l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe’ il-Prosekuzzjoni rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap.9 , l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara. App. Krim.** “Il-Pulizija vs. Pierre Schembri” **[8.1.1996] u ohrajn.)**

**Illi pero’ f’dan il-kaz, mil-verbal tas-seduta in kwistjoni mhux talli ma jidhirx li l-Prosekuzzjoni insistiet ghal differiment jew li opponiet li l-kawza tinqata’, izda addirittura gie verbalizzat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li ma kellux aktar provi x’ jipproduci .  Di piu’ l-parti leza li kienet ix-xhud principali li kellha interess u li kienet debitament notifikata baqghet ma dehritx u hadd ma talab differiment f’isimha ghal xi raguni kwalsiasi.**

**Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza** “Il-Pulizija vs.Joseph Mohnani”   **[28.4.1993] :**
***“Din il-Qorti ma tistax thares b’leggereza ghall-verbali ta’ Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball.”***

Issa, fil-fehma ta’ din il-Qorti, tali dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur timporta rinunzja da parti tal-prosekuzzjoni

ghall-produzzjoni tax-xhieda minnha ndikati li baqghu ma dehrux u ghalhekk ma tistax issa tilmenta fl-istadju tal-appell li giet impeduta milli tipproduci xhieda. Kuntrarjament ghal dak li gie deciz minn din il-Qorti fis-sentenza ta' **Clive Debono** hawn fuq citata, hawn kien hawn rinunzja ghax ladarba l-ufficjal prosekutur kien qed jiddikjara li ma fadallux provi ohra, hekk biss tista' tigi interpretata tali dikjarazzjoni minghajr tigbid zejjed tal-immaginazzjoni, biex jigi salvat dak li mhux salvabbli.

Din il-Qorti ghalhekk qed tichad l-appell ta' l-Avukat Generali w tikkonferma s-sentenza appellata .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------